## VERSI LIL M......

*Meta għajnejja jittaqqlu bil-bewsa tan-n'għas*
*U l-lejl jitla' jsaltan fuq ħlejjaq reqdin,*
*Meta ħsiebi jintilef fil-ħondoq tal-ħolm*
*Biss wiċċek idawwal dawk l-oqsma mdallmin.*

*Meta taħt ix-xemx ta' Mejju ndur qalb il-ħdura*
*U nisma' t-tħaxwixa tal-weraq mar-riħ,*
*Nistħajjilhom itennu dak ismek għalija*
*U nifraħ li l ismek sal-fewġa tgħannih.*

*Iżda meta niftakar li mħabbtek b'għod minni*
*U kollu għalxejn li nixxennaq għalik,*
*Nixfa kbira flok bewsa jġarrbu xufftejja,*
*U f'telfa nintilef, bi ħsiebi biss fik.*

A. Manara.